MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 913/2000/2

**Brian Micallef**

**v.**

**Brian Tyre Services Limited u Noel Gauci**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li pprezenta l-attur fit-12 ta’ Mejju, 2000, li taqra hekk:

“Peress li l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta;

"u peress li fil-15 ta' April 1999 fil-kors tal-impjieg tieghu l-attur wegga' serjament waqt li l-konvenut Gauci li hu wiehed mis-sidien tla-kumpanija konvenuta nefah *tyre* illi sploda;

"u peress li ghalhekk ghall-akkadut tahti s-socjeta` konvenuta bhala *employer* illi ma pprovditx sistema ta' xoghol minghajr periklu u/jew l-istess konvenuti Gauci;

"u peress li l-attur sofra danni konsistenti fi spejjez medici, telf ta' xoghol u dizabbilita` permanenti kif jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

"1. tiddikjarahom jew min minnhom, responsabbli ghall-incident imsemmi u d-danni konsegwenzjali li sofra l-attur;

"2. tillikwida dawn id-danni.

"3. tikkundannahom jew min minnhom ihallsu s-somma hekk likwidata lill-attur;

"bl-ispejjez inkluz tal-ittri ufficjali tat-3 ta' April 2000 u dik prezenzjalment ipprezentata, kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Noel Gauci li in forza taghha eccepixxa:
"1) Illi, in linea preliminari t-talbiet attrici dedotti kontra tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhux il-legittimi kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

"2) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba attricii hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante l-eccipjent ma kienx bl-ebda mod responsabbli ghall-incident 'de quo'.

“3) Illi relattivament ghat-tieni talba attrici, din ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li jsegwi li ma hemmx danni x’jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent.

“4) Illi relattivament ghat-tielet talba attrici din ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemmx danni li ghalihom l-eccipjenti ghandu jigi kundannat li jaghmel fronti:

“5) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet:
“1. Illi l-ewwel talba attrici hija nfondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li ghall-incident “de quo” ma kenitx responsabbli billi l-kaz jikkostitwixxi accident.

“2. Illi relattivament ghat-tieni talba attrici, din ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li jsegwi li ma hemmx danni x’jigu likwidati li ghalihom ghandha taghmel fronti.

“3. Illi relattivament ghat-tielet talba attrici, din ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemmx danni li ghlaihom l-eccipjenti ghandha tigi kundannata li taghmel fronti.

“4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Frar, 2003, li in forza taghha dik il-Qorti:
“… … … wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-attur u tghid illi z-zewg konvenuti ghandhom iwiegbu ghall-incident u jaghmlu tajjeb ghad-danni li sofra l-attur. Tordna illi l-kawza tkompli tinstema’ ghall-ghanijiet tat-tieni u t-tielet talbiet u tat-talba ghall-ispejjez.”

Dik il-Qorti tat dik is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“L-incident li wassal ghal din il-kawza gara hekk:

"Is-socjetà konvenuta ghandha negozju ta' tiswija ta' *tyres*. Il-konvenut Noel Gauci, li hu wiehed mis-sidien tas-socjetà, nefah *tyre* u sejjah lill-attur biex ikompli x-xoghol fuq dak it-*tyre*. Hekk kif l-attur gabar it-*tyre* dan sploda u weggghu gravi.

"Il-konvenut ighid illi t-*tyre* x'aktarx sploda ghax kien dghajjef u ma felahx il-pressjoni ta' l-arja fih.

"Jista' jkun li gara kif qal il-konvenut, u jista' jkun ukoll illi l-konvenut nefhu aktar milli suppost, jew ghax ma qaghadx attent jew ghax il-*gauge* tal-kumpressur ta' l-arja ma kienx qieghed jimmarka sew. Il-konvenut izda qal illi l-kompressur u l-*gauge* tieghu kienu qeghdin jahdmu sew[1], u ma ngiebet ebda prova li dan ma hux minnu; qal ukoll illi l-kompressur tal-pompa ma jtellax pressjoni ta' aktar minn kemm normalment jiflah it-*tyre*[2].

"Il-qorti ghalhekk taqbel mal-konvenut illi x'aktarx li gara kif qal hu, *i.e.* illi t-*tyre* kien dghajjef u ma felahx il-pressjoni. Il-konvenut xehed ukoll illi meta *tyre* ikun f'dak l-istat jista' ma jkollu xejn minn barra li juri li hu hekk. Dan ifisser illi l-operazzjoni ta' l-infih tat-*tyre*, ghallinqas kif issir fl-istabbiliment tas-socjetà konvenuta, hija wahda li ssir fil-ghama: jista' jkun illi min jaghmel dak ix-xoghol ikun qieghed jesponi ruhu ghal perikolu serju u ma hemm xejn x'jipprotegih jekk jigri bhal ma gara f'dan il-kaz.

"Fil-fehma tal-qorti, ghalhekk, ma jistax jinghad illi s-socjetà konvenuta tipprovdi ghal min jahdem maghha ambjent ta' xoghol bla perikolu, ghax ma tistax tassumi illi t-*tyres* li jingiebu ghat-tiswija, u li normalment ma jkunux godda, ikunu jifilhu ghall-pressjoni ta' l-arja.

"Ghal din ir-raguni s-socjetà konvenuta ghandha twiegeb ghad-danni li sofra l-attur.

---

1 Ara x-xhieda tal-konvenut Noel Gauci fis-seduta tat-28 ta' Frar 2002, *foll.* 63 *et seq.*

2 *Ibid. fol.* 59.

“Dwar ir-responsabbiltà tal-konvenut Noel Gauci *proprio*, dan qieghed ighid illi l-attur kien impjegat mas-socjetà, mhux mieghu, u ghalhekk ir-responsabbiltà ta’ min ihaddem taqa’ fuq is-socjetà, mhux fuqu.

“Dan huwa minnu, izda l-ambjenti ta’ xoghol joholquhom il-persuni fizici, mhux dawk morali. Bhala l-bniedem li jmexxi s-socjetà u jqabbad lin-nies li jahdmu maghha, il-konvenut *proprio* wkoll kellu d-dmir lejn in-nies li jahdmu mas-socjetà tieghu biex jara li dawn ma jahdmux f’ambjent ta’ perikolu ghalihom.

“Fil-fehma tal-qorti, ghalhekk, kemm is-socjetà konvenuta kif ukoll il-konvenut *proprio* ghandhom iwiegbu ghal dak li gara.”

Rat is-sentenza finali li tat l-istess Qorti fis-27 ta’ Ottubru, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza:
“… … … billi, wara li tillikwida d-danni li ġarrab l-attur fis-somma ta’ tliet mija u tlieta u għoxrin elf, erba’ mija u ħames euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€323,405.83), tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* iħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati u tikkundannahom iħallsu wkoll l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.”

Dik il-Qorti tat din l-ahhar sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“F’din il-kawża l-attur, li kien impjegat mas-soċjetà konvenuta, qiegħed ifittex għad-danni talli korra fuq ix-xogħol. L-attur kien talab illi l-qorti, wara li (1) tgħid illi l-konvenuti jaħtu għall-inċident, (2) tillikwida d-danni li ġarrab u (3) tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, iħallsu d-danni hekk likwidati flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji. B’sentenza mogħtija fl-20 ta’ Frar 2003 din il-qorti kienet ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, laqgħet l-ewwel talba tal-attur u qalet illi ż-żewġ konvenuti għandhom iwieġbu għall-inċident u jagħmlu tajjeb għad-danni li sofra l-attur. Ordnat ukoll illi l-kawża tkompli tinstema’ għall-għanijiet tat-tieni u t-tielet talbiet u tat-talba għall-ispejjeż.

“<u>Dwar *damnum emergens*</u>

“Għall-għanijiet ta’ kalkolu ta’ *damnum emergens* l-attur b’nota tal-11 ta’ Marzu 2009 ippreżenta kopji ta’ riċevuti tal-ispejjeż mediċi li kellu jagħmel minħabba fil-ġrieħi li ġarrab fl-inċident, li b’kollox jitilgħu għal elf, mija u ħamsa u sittin euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€1,165.83). Din is-somma hija ġustifikata bir-riċevuti u ma kinitx kontestata mill-konvenuti.

“Il-qorti għalhekk tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta’ elf, mija u ħamsa u sittin euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€1,165.83).

“<u>Dwar *lucrum cessans*</u>

“Il-ġrieħi li ġarrab l-attur fl-inċident kienu ta’ natura gravi, u ħallewlu debilità li ma jfieqx minnha f’diversi partijiet u funzjonijiet ta’ ġismu. Biex tara x’inhuwa l-grad ta’ din id-debilità il-qorti b’dikriet tas-7 t’April 2005 ħatret bħala esperti ġudizzjarji diversi speċjalisti fl-oqsma relevanti. Dawn, wara li kull wieħed minnhom eżamina lill-attur għall-għanijiet tal-ispeċjalizzazzjoni tiegħu, u wara li qiesu l-importanza relativa ta’ kull parti u funzjoni tal-ġisem milquta bid-debilità, flimkien waslu għall-konklużjoni, fid-dawl tal-fatturi kollha relevanti, illi l-attur ġarrab debilità globali li ma jfieqx minnha ta’ tlieta u ħamsin fil-mija (53%).

“Il-qorti toqgħod fuq din il-konklużjoni tal-esperti maħtura minnha.

“Meta seħħ l-inċident fl-1999 l-attur kellu tlieta u għoxrin (23) sena.

“Billi l-ħaddiema li jieqfu jaħdmu qabel l-età tal-pensjoni huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u l-kalkolu tal-*lucrum cessans* għandu jirrefletti *id quod plerumque accidit* aktar mill-l-eċċezzjoni, it-tnaqqis fis-snin tal-*multiplier* li jsir minħabba f’dawk li jissejjħu l-inċertezzi tal-ħajja huwa, fil-fehma tal-qorti, biss vantaġġ artifiċjali u inġust mogħti lil min jagħmel il-ħsara, u għalhekk dak it-

tnaqqis għandu jinżamm fil-minimu. Il-qorti għalhekk sejra tadotta *multiplier* ta' ebgħin (40) sena.

"Fl-1996 – tliet snin qabel ma seħħ l-inċident, għax ma nġibtx prova dwar x'kien il-qligħ fl-1999 – l-attur kellu dħul ta' tmienja u disgħin lira (Lm98) fil-ġimgħa[3], jew ħamest elef u sitta u disgħin lira (Lm5,096) – daqs ħdax-il elf, tmien mija u sebgħin euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€11,870.49) – fis-sena. Meta tqis il-*bonus* statutorju, u ż-żjidiet li jingħataw u t-tnaqqis fis-siwi tal-flus fuq medda ta' erbgħin sena, id-dħul medju jkun – fuq stima konservattiva – qrib is-sittax-il elf euro (€16,000).

"Għalhekk, *lucrum cessans* fuq erbgħin sena jiġi hekk:

- "€16,000 (dħul medju) × 40 sena × 53% (grad ta' debilità) = €339,200

"L-attur sejjer idaħħal issa d-dħul li parti minnu – għaxar snin bejn l-1999 u llum – huwa ta' żmien ġà mgħoddi u parti minnu – millum sa tletin sena oħra, dak li fadal mis-snin tal-*multiplier* – tal-ġejjieni. Dan ifisser illi għal għaxar snin il-konvenuti żammew f'idejhom u gawdew flus li jmissu lill-attur, iżda l-attur sejjer jieħu l-benefiċċju li jdaħħal illum flus li, li ma kienx għall-inċident, kien idaħħalhom fil-ġejjieni. Jekk l-attur ma jingħatax imgħaxijiet tal-għaxar snin li għaddew, ikun biżżejjed li jsir tnaqqis ta' ħamsa fil-mija (5%) biex it-telf u r-rebħ ipattu għal xulxin.

"Il-qorti għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* fis-somma ta' tlitt elef, tliet mija u disgħa u tletin elf u mitejn euro (€ 339,200) imnaqqsa b'ħamsa fil-mija (5%) biex b'kollox jiġi tliet mija u tnejn u għoxrin elf, mitejn u erbgħin euro (€322,240).

"Id-danni b'kollox, *damnum emergens* u *lucrum cessans*, għalhekk jiġu tliet mija u tlieta u għoxrin elf, erba' mija u ħames euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€323,405.83).

---

[3] *Fol.* 33ª.

"Ukoll, billi l-biċċa tal-ħsara li kull wieħed mill-konvenuti ikkaġuna ma tistax tiġi stabbilita, kull wieħed minnhom għandu jwieġeb għad-danni kollha, kif igħid u jrid l-art. 1050 tal-Kodiċi Ċivili."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … tilqa' dan l-appell b'dan illi [**i**] fl-ewwel lok, thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili datat l-20 ta' Frar, 2003, fl-ismijiet "Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited et" u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet attrici hekk kif dedotti fl-att promutur, fl-ispejjez, kemm dawk ta' quddiem il-Qorti tal-ewwel grad u ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu tal-istess attur, issa appellat, jew in subsidium u b'mod alternattiv f'kaz ta' rigett ta' dan l-appell fir-rigward tar-ras ta' htija, [**ii**] thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru, 2009, fl-ismijiet "Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited et" u minflok tghaddi biex tikkwantifika u tillikwida d-danni fuq l-iskorta ta' dawk il-principji hawn fuq esposti, bl-ispejjez, kemm dawk ta' quddiem il-Qorti tal-ewwel grad u ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu tal-istess attur, hawn appellat jew f'manjiera li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell temmen idoneju fic-cirkostanzi.

"Daqstant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti appellanti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ta' Revizjoni."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta:
"… … … illi l-appell interpost miz-zewg appellanti ma jisthoqqlux li jigi milqugh, u ghaldaqstant dan ghandu jigi dikjarat irritu u null in vista tal-pregudizzjali preliminari sollevata mill-appellat, jew subordinatament jekk din il-pregudizzjali ma tigix milqugha, dan l-appell ghnadu jigi michud, prevja konferma tad-decizjonijiet hemm appellati, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi konta l-appellanti."

Rat li l-eccezzjoni preliminari tal-appellat relatata mal irritwalita` u n-nullita` tar-rikors tal-appell giet minnu irtirata fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2012 mizmuma minn din il-Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur, li kien impjegat mas-socjeta` konvenuta, qieghed ifittex ghad-danni talli korra fuq ix-xoghol. Is-socjeta` konvenuta ghandha negozju ta' tiswija ta' tyres. Il-konvenut Noel Gauci, li hu wiehed mill-proprjetarji ta' din is-socjeta`, nefah tyre u sejjah lill-attur biex ikompli x-xoghol fuq dak it-tyre. Hekk kif l-attur gabar it-tyre, dan sploda u weggghu gravi. L-ewwel Qorti sabet lill-konvenuti responsabbli ghal dan l-incident u kkundannathom in solidum ihallsu lill-attur is-somma ta' €323,405.83 in linea ta' danni.

Il-konvenuti appellaw kemm mis-sejbien tar-responsabbilita` kif ukoll mill-mod kif l-ewwel Qorti llikwidat id-danni; appellaw ukoll mis-sejba ta' responsabbilita` fil-konfront ta' Noel Gauci personalment.

Trattat l-appell marbut mal-htija tas-socjeta` Brian Tyre Services Ltd., huwa principju li min ihaddem irid jipprovdi ambjent sikur ghall-haddiema tieghu, u fit-twettiq tax-xoghol u l-ordnijiet li jaghti lill-impjegati jrid iqis il-fatt li l-haddiema mhux mistennija li jiddiskutu ma' min ihaddem l-ordni li jinghataw, u li jistghu jkunu xi ftit non kuranti fi twettieq ta' xogholhom. Hu, ghalhekk, id-dmir ta' min ihaddem li jara li l-haddiema li jigu mitluba jwettqu l-ordnijiet tieghu, ma jigux esposti ghall-periklu u li dik l-ordni, imwettqa hafna drabi b'mod awtomatiku mill-haddiem, tkun tista' titqieghed fis-sehh b'mod oggettivament sikur ghall-haddiem. Ciononostante, jibqa' dejjem obbligu ta' min hu vittma ta' incident fuq il-post tax-xoghol, li jipprova ness bejn il-hsara li garrab u xi nuqqas da parti ta' min ihaddmu.

F’dan il-kaz, jidher li Noel Gauci qabbad lill-attur biex ikompli jonfoh it-tyre minghajr ma qies jekk dak it-tyre kienx dghajjef jew le. Dan ikkonferma li l-kompressur kien qed jahdem sew u l-gauge tal-arja ma jippermettix li t-tyre jintefah aktar milli jiflah. Hu allura, probabbli, kif qalet l-ewwel Qorti, u kif ammetta l-istess konvenut, li t-tyre in kwistjoni kien difettuz u ma kienx jiflah il-pressjoni tal-arja fih. It-tyre ma kienx wiehed gdid, u nghata lis-socjeta` konvenuta ghat-tiswija peress illi kellu puncture. Qabel ma beda jintefah, ma saru ebda testijiet fuq l-istess biex jigi determinat kemm jiflah pressjoni, u ghalkemm xi sena qabel kien hemm spluzjoni ohra ta’ tyre fl-istabbiliment taghha, is-socjeta` konvenuta ma hadet ebda passi biex tara li incidenti simili ma jigrux. Din is-socjeta`, fil-fatt, lanqas ma tipprovdi xi forma ta’ protezzjoni kontra akkadut simili. Wara l-ewwel incident, dan Noel Gauci baqa’ jghid li huma jahdmu “kif inhu suppost”, u dan avolja s-socjeta` ma hadet ebda prekawzjoni biex l-incident ma jirrepetix ruhu jew, tal-anqas, biex il-haddiema ma jsofrux danni. Il-kumpanija tahdem hafna fuq tyres kbar (ta’ tractors u trucks ohra), u zgur wara l-ewwel incident, kien prevedibbli li dak li gara darba seta’ jerga’ jigri. Ma kienetx “possibilita` remotissima” li incident simili jigri fil-futur, u fil-fatt sehh sena wara.

L-attur, bhala impjegat, kien mistenni minnu li jobdi l-ordni hekk kif tinghatalu, u ma gie pprovdut b’ebda *safety equipment* (libsa protettiva, *helmet*, zarbun, *ear muffs*, maskra) ghas-sigurta` tieghu. Dan in-nuqqas jitfa’ htija kbira fuq is-socjeta` konvenuta, ghax juri n-non kuranza li kellha ghas-sahha tal-haddiema taghha (ara **Deguara v. Scicluna et**, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ Frar, 2009). Lanqas ma ntuzat xi forma ta’ *guard* ghall-protezzjoni tal-haddiem, u ma sar xejn wara l-ewwel incident biex jigu evitati incidenti simili jew, tal-anqas, jigu skansati danni fuq il-persuna tal-haddiema taghha assenjati ghax-xoghol.

Kif qal l-imsemmi Noel Gauci, it-testijiet fuq it-tyres isiru “*fuq ghajnejk*”, u hafna drabi ma jindunawx jekk tyre ikunx dghajjef jew le (“*ahna di vista ma nkunux nafu x’ghandu u m’ghandux*”); nonostante dan, jahdmu fl-ghama, u ghabba

lill-attur b'bicca xoghol minghajr ma jaf x'setghet tinvolvi dik il-bicca xoghol, u minghajr ma ha hsieb jipprotegi lill-haddiem mill-konsegwenzi f'kaz ta' incidenti.

Dwar ir-responsabbilita` personali tad-direttur Noel Gauci, din il-Qorti tara li, f'dan il-kaz, kien hu li ghadda t-tyre lilll-attur u ordnalu jerfghu, u dan meta kien qed jara li l-attur ma kellu ebda forma ta' protezzjoni kontra xi incident. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Briffa et v. Abela et**, deciza fit-28 ta' Marzu, 2003:
"… … … ma hemmx dubju li f'certi determinati sitwazzjonijiet d-direttur ikun personalment responsabbli ghall-hsara bl-agir delittwuz minnu stess kommess;"

Fil-fehma tal-Qorti, dan il-kaz huwa wiehed minn dawk is-sitwazzjonijiet li jimmerita r-responsabbilita` personali wkoll tad-direttur Noel Gauci, u kwindi din il-Qorti qeghda tikkonferma l-ewwel sentenza appellata li biha z-zewg konvenuti nstabu responsabbli ghall-incident li fih wegga' l-attur.

Fil-kuntest tal-appell relatat mat-tieni sentenza tal-ewwel Qorti, li fiha gew likwidati d-danni, il-konvenuti jilmentaw minn diversi aspetti tal-kalkolu li uzat l-ewwel Qorti fil-likwidazzjoni ta' lucrum cessans. L-ewwel Qorti hadmet il-formula (l'hekk imsejjha "multiplier formula") b'dan il-mod: €16,000 (dhul medju) x 40 sena x 53% (grad ta' dizabbilita`) = €339,200; il-Qorti naqqset il-figura b'5% minhabba "lump sum payment".

Il-konvenuti jikkontestaw il-figuri kollha adoperati mill-ewwel Qorti fit-thaddim tal-formula.

Fir-rigward tad-dhul medju tal-attur, jirrizulta li dan kien jammonta ghal €11,370.58c fis-sena. Meta tqis li l-attur ma tghallem ebda sengha, u kwindi l-prospetti lavorattivi tieghu huma limitati, tara li dhul medju ta' €16,000 hu ftit esagerat, u tara li, minflok, ghandha taddotta dhul medju ta' €13,500. Dan qed jinghad peress illi ma jirrizultax li, b'konsegwenza tal-incident, l-attur tilef opportunitajiet tajba ghax-xoghol. L-attur gie menomat billi ma jistax jinvolvi ruhu f'xoghol li jirrikjedi sforz fl-uzu tal-polz u l-id, u

ghandu jevita turgien biex inaqqas ir-riskju li jizviluppa l-artrite fil-gogi qabel iz-zmien; sofra wkoll hsara fl-ghajn ix-xellugija. Bniedem ta' certu sengha jkun kapaci jissupera dawn id-difetti u javvanza fil-karriera, pero`, kif inghad, l-attur ma weriex li hu ghandu propensita` li jistudja halli jkun jista' javvanza fil-hajja lavorattiva tieghu. Ma tarax, kwindi, li ghandha tahdem fuq figura ta' dhul medju ta' aktar minn €13,500 fis-sena.

Dwar il-multiplier ta' 40 li uzat l-ewwel Qorti, meta tqis li l-attur kellu 23 sena meta wegga', u meta tqis ukoll li l-hajja lavorattiva qeghdha dejjem tizdied, izda, min-naha l-ohra, meta tikkonsidra l-element tac-"*chances and changes in life*", li minn dejjem gie kkonsidrat bhala parti integrali mill-komputazzjoni tal-hsara, izda li l-ewwel Qorti donnha ma qisietx, tara li multiplier ta' 35 ikun wiehed aktar gust[4]. Kif tghid l-awtrici Vivienne Harpwood fil-ktieb "Modern Tort Law" (ediz. 2009, pagna 438),
"*Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystall ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future*."

Din il-Qorti, fil-kawza **Gauci v. Bugeja**, deciza fis-27 ta' Novembru, 2009, ikkummentat li, fil-verita`, wiehed ma jistax jaghti previzjoni tal-hajja lavorattiva, u kien fid-dawl ta' dan li ddahhal fil-gurisprudenza l-fattur tac-"*chances and changes of life*". B'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri osservat illi:
"*il-kuncett ta' "the changes and chances of life", gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Ghalhekk fl-eventwalita`, li d-danneggat, ghal xi raguni kompletament indipendenti mid-dizabbilita` subita fl-incident, kellu jmut qabel ma jilhaq il-massimu tal-hajja lavorattiva tieghu, tkun hallset ghall-perijodu meta effettivament d-dizabbilita`*

[4] Ara f'dan ir-rigward P.A. Farrugia v. Elbros Construction Ltd., 30/10/2008.

*tad-danneggat tkun ghal kollox irrelevanti billi dan ikun miet. Isegwi li d-danni li ghandhom jigu akkordati jridu jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn id-dritt tad-danneggat u l-obbligu tad-danneggant. Tenut kont ta' dan isegwi li l-"working life expectancy" ma ghandux jigi, kif qatt ma gie, konsiderat kollu ghall-fini tal-fissazzjoni tal-"multiplier".*"

Hekk ukoll, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kaz **Busuttil et v. Farrugia**, deciza fl-4 ta' Ottubru, 2011, ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward ta' guvni li kien se jaghlaq tmintax (18) –il sena.
"*Din il-Qorti tqis li ghalkemm hemm gurisprudenza fis-sens li l-multiplier ghandu jsir a bazi tal-eta` pensjonabbli pero` hemm gurisprudenza u din il-Qorti tqis li hi aktar gusta u ekwa li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni c-chances and changes of life li ma jfissrux necessarjament li persuna necessarjament ser tibqa' tahdem sal-eta` pensjonabbli specjalment meta din ic-cirkostanza gil-kaz partikolari kienet ghadha 'l boghod hafna.*"

Fl-istess sens hija decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza **Caruana v. Camilleri**, deciza fis-27 ta' Frar, 2004, fejn jinghad li fil-fissazzjoni tal-multiplier, il-Qorti trid dejjem tiehu in konsiderazzjoni "*il-kontingenzi tal-hajja futura*". (ara wkoll **Attard v. D'Amato** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru, 2002, fost ohrajn).

Fir-rigward tal-grad ta' menomazzjoni, f'dan il-kaz gew mahtura diversi esperti medici li rrelataw dwar diversi aspetti tal-hsara li sofra l-attur. Skont il-gurisprudenza, meta persuna ssofri diversi gradi ta' dizabbilita` permanenti ghandu jigi adoperat il-kriterju maghruf bhala *weighted average*, fejn id-diversi gradi ta' dizabbilita` permanenti rizultanti jigu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni a priori li l-multiplicita` tal-feriti jigu komputati komplessivament. Bil-*weighted average* ghandu jittiehed bilanc tar-rizultanzi tal-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali tad-danneggjat (ara **Cassar Pullicino noe et v. Xuereb et**, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar, 2009). Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` fis-

sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tal-attur danneggjat (ara **Frendo v. Cachia**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' April, 2009, fost diversi sentenzi ohra fl-istess sens).

F'dan il-kaz, il-kirurgu Charles Swain, wiehed mill-esperti mahtura mill-Qorti, qal li meta huma qiesu dak li rrelataw il-hames esperti, huma qablu li r-rata ta' dizabbilita` ta' 53% tirrispekkja l-*weighted average*. Din il-Qorti ma tahsibx li fic-cirkostanzi sar kalkolu sew tar-rata *average* ta' dizabbilita`. Il-percentwali ta' dizabbilta` f'dan il-kaz gew stabbiliti hekk: sfregu fuq il-wicc 7%, nuqqas ta' smiegh 10%, nuqqas fil-vista 8%, hsara fis-snien 10% u problemi ortopedici 18%. Dawn jaghtu <u>total</u> ta' 53%, izda dan mhux *average*! L-esperti qalu li dawn il-percentaggi huma *scaled down* fis-sens, per ezempju, li 70% dizabbilita` fil-halq, gie *scaled down* ghal 10% biex jigi ikkollegat fl-ambitu bijologiku shih tal-gisem tal-persuna, u 18% dizabbilita` fl-ghajn, gie *scaled down* ghal 8% bhala *total body percentage disability*. Dan l-ezercizzju sar tajjeb, imma l-*average dizability* ma tasalx ghalih billi tghodd flimkien il-percentaggi <u>reali</u> (jigifieri, *scaled down* biex wiehed iqis id-dizabbilita` fil-kuntest tal-bniedem kollu) li waslu ghalihom l-esperti, izda billi jittiehed *average* ta' dawk il-percentaggi. Bil-mod li ghamlu l-kalkoli l-esperti, hu prevedibbli li l-percentagg finali, f'kazi kongruwi, jaqbez il-100% (jekk ikollu *scale down* percentaggi ftit gholja jew ikun hemm aktar menomazzjonijiet), meta dan mhux konsentit.

Percentagg ta' dizabbilita` ta' 70% fil-halq validu mil-lat mediku xjentifiku, mhux reali mil-lat guridiku, ghax wiehed irid jara x'effett dik il-hsara ghandha fuq il-hajja lavorattiva futura tad-dammeggjat. Hu ghalhekk li l-*average* irid jittiehed tal-<u>percentaggi reali</u>, dawk jigifieri, li jirriflettu l-valur ta' menomazzjoni li jillimitah f'xoghlu. Kif jghid l-awtur <u>Guido Gentile</u> fil-ktieb "Problemi insaliti nella valutazione del danno della persona" (ediz. 1951 pagna 296):
"*Il perito medico di una parte, riducendo il soggetto ad una entita` clinica, fissa teoricamente, seguendo schemi predisposti, una cosidetta percentuale di invalidita`*

*permanente. Egli non si prospetta neppure il quesito se a questa teorica percentuale corrisponde una effettiva menomazione di reddito. Considera l'uomo come una entita` biologica; sottopone le sue parti e i suoi organi a un incasellamento teorico alla stregua di tabelle; ne misura, con un criterio esclusivamente clinico, il grado di menomazione e quindi fissa una percentuale. Questa percentuale, nella mente del perito, non assume il valore di una misura economica di valori, ma semplicemente quella di un rapporto di ordine clinico.*"

L-esperti medici, milli jidher, konxji minn din il-problema, wara li waslu ghall-figura klinika, irrevedew l-istima u waslu ghall-figura ekonomika ta' dizabbilita`. Izda, kif ikompli jghallem Gentile (ibid., pagna 311),
"*la valutazione del danno in caso di lesioni multipli non risulta dalla somma dei coefficienti delle singole lesioni, sebbene da un cioefficienti unico, rapportato, nel suo insiene, all'entita` unitaria dell'individuo*".

Fid-dawl tal-premess, meta tqis il-percentaggi rejali ta' dizabbilita` kif jaffettwaw il-hajja lavorattiva tal-attur, tara li bhala *weighted average*, mehud bhala *constant* l-ghola grad, il-percentagg ta' dizabbilita` ghandu jkun ta' 35%.

Fir-rigward tal-lump-sum deduction, meqjus il-fatt li l-incident sehh fl-1999, ma tarax li tnaqqis ta' 5% hu irragonevoli; ma ghandux, fil-fehma tal-Qorti, ikun aktar, meqjus it-trapass ta' zmien li ghadda minn dakinhar li l-attur sofra l-hsara f'persuntu.

Ghalhekk, il-kumpens ta' lucrum cessans dovut lill-attur huwa dan: €13,500 x 35 x 35% - 5% = €157,107. Jekk dan jizdied mas-somma ta' €1,165.83 damnum emergens, li dwarha ma hemmx kontestazzjoni, it-total ta' kumpens jigi €158,272.83.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tilqa' l-istess biss in parte u dan billi (i) tichad l-istess in kwantu diretto lejn is-sentenza tal-20 ta' Frar, 2003, li qed tigi ikkonfermata, u (ii) tilqa' l-istess in kwantu diretta lejn is-sentenza tas-27 ta' Ottubru,

2009, u tirriforma din is-sentenza billi tillikwida l-kumpens li ghandhom ihallsu l-konvenuti in solidum fis-somma ta' €158,272.83, flok kif stabbilit mill-ewwel Qorti, u tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' din it-tieni istanza jithallsu terz ($^{1}/_{3}$) mill-attur u zewg-terzi ($^{2}/_{3}$) mill-konvenuti appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------